# MUŻIKA MUŻIKA 2027
## FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA

Festivals Malta, flimkien mal-Kumitat Organizzattiv tal-Festival Mużika Mużika, għandha pjaċir tniedi s-seba' edizzjoni ta' **MUŻIKA MUŻIKA** bil-għan li tippromovi l-lingwa Maltija permezz tal-mużika kif ukoll jingħataw aktar opportunitajiet lill-kompożituri, l-awturi, il-kantanti u l-gruppi mużikali li jiktbu u jinterpretaw kanzunetti bil-Malti.
Il-Festival ser isir bejn **il-ħdax (11) u t-tlettax (13) ta' Marzu 2027**, ġewwa ċ-Ċentru tal-Fieri u l-Konferenzi (MFCC), f'Ta' Qali.

Il-Festival huwa organizzat minn Festivals Malta, bis-sapport tal-Ministeru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali.

## Termini u Kundizzjonijiet

### 1. Kriterji ta' eliġibbiltà

1.1. Il-Festival huwa miftuħ għall-kompożituri, l-awturi, il-kantanti, u gruppi mużikali li jissottomettu kanzunetti bil-lingwa Maltija.

1.2. Il-parteċipanti jridu jkunu għalqu s-sittax (16)-il sena sad-data tal-Festival. Għaldaqstant, għandha tiġi sottomessa kopja tal-karta tal-identità jew passaport li jkun validu sad-dati tal-Festival ta' dawk kollha li ser jipparteċipaw ma' kull applikazzjoni

1.3. Is-sottomissjonijiet li ma jkunux kompluti jiġu kkunsidrati invalidi u ma jiġux aċċettati.

### 2. Proċess għal waqt l-istadju tal-Applikazzjoni għal Mużika Mużika 2027

2.1. Il-parteċipanti għandhom jippreżentaw kanzunetta/i oriġinali. Il-kanzunetta/i sottomessi ma jridux ikunu nstemgħu fil-pubbliku, jew fuq il-mezzi soċjali, kemm sħaħ kif ukoll partijiet minnhom. Il-kanzunetti għandhom ikunu twal bejn tliet (3) minuti u tliet minuti u nofs (3:30).

2.2. B'referenza **għall-klawżola *numru 2.1***, m'hemmx limitu ta' kemm il-kompożituri u l-awturi jistgħu jissottomettu kanzunetti. Fil-każ tal-kantanti, dawn ukoll jistgħu jissottomettu aktar minn kanzunetta waħda, iżda mis-sittax magħżula għall-aħħar fażi, il-kantanti jistgħu jkantaw kanzunetta waħda biss. Dan japplika wkoll għall-gruppi mużikali, kif ukoll għall-membri tagħhom. F'każ li l-istess kantant/a, grupp mużikali jintgħażlulhom aktar minn kanzunetta waħda, il-kantant/a, il-grupp jew il-band iridu jagħżlu dik il-kanzunetta li jixtiequ jipparteċipaw biha, filwaqt li l-kanzunetta l-oħra tingħata lill-kantant/a, grupp jew band differenti kif jiddeċiedi/u l-kompożitur/i.

2.3. Għal kull kanzunetta li tiġi sottomessa hemm ħlas ta' mitt ewro (100€), kif ukoll applikazzjoni u dikjarazzjoni li għandha tiġi ffirmata mill-applikant/a.

2.4. Il-kanzunetti jistgħu jiġu **sottomessi online** fuq is-sit **muzikamuzika.mt** sas-**sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2026 sa 12:00pm.**

L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu **sottomessi dirett fl-uffiċċju ta' Festivals Malta bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 2026 bejn id-9:00am u l-4:00pm.** L-indirizz tal-uffiċċju huwa:

> **Festivals Malta,**
> Level 1, 13, Europa Centre,
> Triq John Lopez, il-Furjana.

2.5. Għal min ser jissottometti l-applikazzjoni fl-uffiċċju, il-ħlas għandu jsir permezz ta' **ċekk** pagabbli lil Festivals Malta. Għal min ser jissottometti l-applikazzjoni online, il-ħlas irid isir permezz ta' **bank transfer** għall-kont ta' Festivals Malta, li huwa **MT53VALL22013000000050003080116 (IBAN).**

2.6. Il-parteċipanti huma obbligati li fl-applikazzjonijiet jinkludu:

I. Għall-applikazzjonijiet **online**, recording tal-kanzunetta mtella' fuq is-sit kif indikat hawn: **Track 1 recording sħiħ** tal-kanzunetta, li tinkludi **l-kantanti ewlenin u backing vocals – format mp3;**
II. Għal applikazzjonijiet li ħa jiġu sottomessi fl-uffiċċju ta' Festivals Malta, ir-recording tal-kanzunetta jrid ikun fuq **pendrive**;
III. Kopja waħda tal-lirika (**PDF** format);
IV. **Id-dikjarazzjonijiet A, B u, Ċ iffirmati** (Dawn idealment jimtlew b'mod diġitali. Jekk se jimtlew b'mod manwali, għandhom jinkitbu b'ittri;
V. Kopja minn quddiem u minn wara tal-**karta tal-identità jew passaport** ta' dawk kollha li ser jipparteċipaw. Dawn għandhom ikunu validi sad-dati tal-Festival;
VI. L-isem tal-kanzunetta għandu jinkiteb b'**ITTRI KAPITALI** fuq il-pendrive, jew l-mp3 files, kif ukoll fit-titlu tal-lirika.

**N.B. Il-kanzunetta tiġi skwalifikata awtomatikament jekk ikun hemm dettalji li jiżvelaw l-isem/ismijiet tal-parteċipanti, inklużi l-kompożitur(i) u/jew awtur(i)**

2.7. Hekk kif jitħabbar ir-riżultat tal-ewwel ġurija, **dawk li jgħaddu għall-fażi li jmiss** iridu jibagħtu dawn it-tracks lil Festivals Malta:

I. **Track 2 – half playback** tal-kanzunetta, li tinkludi **l-backing track u l-backing vocals,** mingħajr **il-kantant/i ewlieni/ewlenin;**
II. **Track 3 – instrumental** – li tikkonsisti **f'backing track mingħajr il-kantant/i ewlieni/ewlenin u mingħajr backing vocals.**

2.8. L-għażla tal-kanzunetti ssir taħt sorveljanza legali. Id-deċiżjonijiet tal-ġurija f'kull fażi tal-konkors ikunu finali u inappellabbli.

2.9. Filwaqt li l-organizzaturi jkunu disposti li jikkunsidraw is-suġġerimenti kollha li jsirulhom, iżommu d-dritt ta' diskrezzjoni fl-organizzazzjoni.

2.10. Hekk kif jintgħażlu l-kanzunetti tal-fażi finali, il-materjal ta' dawk kollha li ma jkunux ikkwalifikaw jiġi distrutt fi żmien sitt (6) xhur wara l-aħħar serata tal-avveniment.

### 3. Il-Konkors

3.1 Ser jintgħażlu sittax (16)-il kanzunetta għall-fażi finali fuq medda ta' żewġ fażijiet li jiggarantixxu l-ekwità u t-trasparenza:

I. **Fażi A** - ser jintgħażlu tletin (30) kanzunetta minn ġurija esperta mir-**recordings** sottomessi.
II. **Fażi B** - dawk it-tletin (30) kanzunetta ser jiġu **interpretati live** akkumpanjati minn **backing track** quddiem ġurija (fejn jistgħu jiġu ffilmjati), u minn dawn jiġu magħżula s-sittax (16)-il kanzunetta tal-Festival. **Huwa obbligatorju li f'din il-fażi l-artisti li ser jidhru fuq il-palk ikunu preżenti u jinterpretaw il-kanzunetta tagħhom live quddiem il-ġurija.**

Din il-fażi ssir nhar **il-Ħadd, 25 t'Ottubru 2026.**

3.2 Il-Festival ser ikun imqassam fuq medda ta' tliet serati li ser jintwerew live fuq stazzjonijiet televiżivi lokali;

I. ***Fl-ewwel serata (il-Ħamis)*** jiġu interpretati s-sittax (16)-il kanzunetta u jkunu ġġudikati minn ġurija esperta flimkien mal-vot tal-udjenza fis-sala. Ir-riżultat ta' dawn il-voti jitħabbar waqt is-serata tas-Sibt.
II. ***Fit-tieni serata (il-Ġimgħa)*** l-kantanti kollha ser jinterpretaw kanzunetti popolari Maltin, fi dwetti ma' kantanti mistiedna. Dan kollu għad-diskrezzjoni tal-produzzjoni eżekuttiva.
III. ***Fit-tielet serata (is-Sibt)*** jiġu interpretati s-sittax (16)-il kanzunetta mill-ġdid. Ir-riżultat finali jitħabbar permezz tal-voti tal-ġurija tas-serati tal-Ħamis u tas-Sibt flimkien mal-vot tal-udjenza preżenti fis-sala tal-Ħamis u l-vot tal-pubbliku ġenerali tas-Sibt. Waqt din is-serata jitħabbru l-kanzunetti rebbieħa fl-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) post, kif ukoll jingħataw premjijiet għall-aħjar interpretazzjoni u l-aħjar arranġament mużikali.

3.3. Fir-rigward **tal-klawżola 3.2**, fit-tliet (3) serati tal-Festival, il-kanzunetti magħżula ser jiġu interpretati mill-kantanti/gruppi akkumpanjati minn orkestra live ta' madwar erbgħin (40) mużiċist. Madankollu, jistgħu jintużaw mezzi elettroniċi u diġitali (bħal **click track stems**) sabiex jassistu lill-parteċipanti waqt **is-serati**. Il-lista ta' strumenti fl-orkestra tingħata wara li jintgħażlu l-kanzunetti. Huwa rrakomandat li l-parteċipanti jkunu avventurużi fl-istil tal-kanzunetti. Dan għaliex l-għan tal-Festival huwa li l-kanzunetta Maltija tkun aktar attraenti għal udjenza wiesgħa ta' kull età u għal gosti differenti, kif ukoll tkun tista' tindaqq fuq il-mezzi tax-xandir u l-mezzi soċjali.

3.4. Għall-fini ta' dan il-Festival mhux permess li jintużaw xi partijiet jew frażijiet b'lingwi oħra ħlief il-Malti u d-djaletti tal-istess lingwa. Kull kanzunetta sottomessa trid tkun kompletament bil-lingwa Maltija.

3.5. Ir-responsabbiltà tal-arranġament orkestrali, kif ukoll l-għażla tad-direttur tal-orkestra taqa' f'idejn il-kompożitur u l-awtur tal-kanzunetta li ġiet sottomessa għall-Festival. Huwa rrakkomandat, u huwa fl-interess tal-kompożituri, li kemm għall-arranġament orkestrali kif ukoll għad-direzzjoni tal-orkestra jintgħażlu nies kompetenti.

3.5. Mal-orkestra ser ikun hemm ħames (5) **backing vocalists** li ser ikunu disponibbli għall-kanzunetti kollha. **Mhux permess** l-użu ta' **backing vocalists** differenti minn dawk ipprovduti.

3.6. **Mhux permessi** aktar minn sitt (6) persuni fuq il-palk u **mhux permessi żeffiena, props, akrobati, eċċ.**

## 4. Il-Premjijiet

4.1. Il-premjijiet ser ikunu hekk:

I. Ħames mitt ewro (500€) lil kull kanzunetta li tintgħażel għall-fażi finali. **Dan il-pagament jingħata lill-kompożitur** bħala għajnuna biex isir l-arranġament orkestrali;
II. **It-tielet post** – Għaxart elef ewro (10,000€) u trofew;
III. **It-tieni post** – Ħmistax-il elf ewro (15,000€) u trofew;
IV. **L-ewwel post** – Ħamsa u għoxrin elf ewro (25,000€) u trofew.
V. **L-aħjar interpretazzjoni** – Trofew lill-artist/a
VI. **L-aħjar arranġament orkestral**i – Trofew lill-arranġatur/arranġatriċi

4.2. Il-premjijiet monetarji jingħataw lill-kompożituri rebbieħa.

4.3 L-organizzaturi ma jidħlux fil-mertu ta' kif għandu jinqasam il-premju finanzjarju bejn il-kompożitur, l-awtur, u l-kantant(a)/grupp.

4.4 L-artist/a jew gruppi mużikali rebbieħ tal-festival ma jkunx eliġibbli biex jipparteċipa għall-festival tas-sena ta' wara kemm bħala solista kif ukoll bħala parti minn grupp.

4.5 L-artisti/gruppi mużikali li jikklassifikaw fl-ewwel tliet postijiet għandhom ikunu disponibbli li jipparteċipaw f'avveniment wieħed organizzat minn Festivals Malta matul is-sena 2026.

4.6 Il-ħlas tal-premjijiet monetarji msemmija bl-ebda mod ma jikkostitwixxi f'xi forma ta' impjieg mal-organizzazzjoni.

## 5. Termini Ġenerali

**5.1. Is-sottomissjoni ta' kanzunetta/i għal Mużika Mużika 2027 timplika l-aċċettazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet.**

5.2. Il-parteċipanti, inklużi l-kompożituri u l-awturi, huma mitluba jonoraw id-dati u l-ħinijiet tal-provi, sound checks, laqgħat, filmati pubbliċitarji u intervisti sabiex jikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan il-konkors. Fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni rigward l-attendenza, il-ħinijiet tal-provi, jew nuqqasijiet oħra mill-parteċipanti, dan jista' jirriżulta fi skwalifika awtomatika tal-kanzunetta tagħhom. Il-provi ġewwa l-MFCC huma ppjanati li jibdew **fl-ewwel (1) ta' Marzu 2027.** Għalhekk, il-parteċipanti, inklużi l-kompożituri u l-awturi huma mitluba jonoraw id-dati u l-ħinijiet tal-provi. Id-dati u l-ħinijiet tal-provi huma suġġetti għal tibdil, skont l-esiġenzi tal-produzzjoni.

5.3. B'rabta **mal-klawżola 5.2.**, dawk l-artisti/gruppi/bands li jgħaddu għall-fażi finali fejn jintgħażlu s-sittax -il (16) finalist, għandhom iżommu d-data **tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2026** libera għall-photoshoot uffiċjali tal-Festival.

5.4. L-aċċettazzjoni mill-parteċipanti tal-applikazzjoni tagħhom fil-konkors tkun tfisser li dawn qed jagħtu l-kunsens tagħhom biex isimhom jintuża f'kull materjal pubbliċitarju. Kull informazzjoni personali marbuta mar-rebbieħa jew kwalunkwe parteċipant ieħor ser tintuża biss skont il-leġiżlazzjoni attwali **'DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA'.** Abbażi ta' dan, l-informazzjoni ma tkunx żvelata lil persuni terzi mingħajr il-kunsens minn qabel tal-parteċipanti.

5.5. Festivals Malta tirriżerva wkoll id-dritt li tikkanċella, tibdel id-dati, jew tipposponi l-kompetizzjoni, b'mod definit jew indefinit jekk jinqalgħu ċirkostanzi barra mill-kontroll tagħha, liema deċiżjoni hija esklussivament fid-diskrezzjoni tagħha u ma tista' tiġi soġġetta għall-ebda qorti jew arbitraġġ. Inoltre, Festivals Malta m'għandha tinżamm responsabbli għall-ebda telf jew danni li jistgħu jsofru l-parteċipanti jekk kemm–il darba għar-raġunjiet imsemmija f'din il-klawżola, Mużika Mużika jkollu jiġi kkanċellat, jibdel id-dati, jew jipposponi l-kompetizzjoni.

5.6. Festivals Malta, flimkien mal-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika, mhix responsabbli għal kwalunkwe disputa li tista' tqum fir-rigward tal-oriġinalità tal-kanzunetta.

5.7. Id-direzzjoni finali u artistika hija esklussivament f'idejn Festivals Malta u/jew il-kumitat organizzativ tal-festival. Dawn għandhom id-diskrezzjoni ta' kif il-kanzunetta għandha tiġi interpretata viżwalment fuq it-televiżjoni.

5.8. Fil-każ li artist jiġi skwalifikat, id-deċiżjoni ta' Festivals Malta u tal-kumitat organizzattiv hija finali, mhi sindakabbli mill-ebda qorti u mhi soġġetta għall-ebda mandat ta' inibizzjoni.

5.9. Il-kriterju tal-ordni ta' kif ser jindaqqu s-siltiet fil-festival u kif jiġu assenjati l-kanzunetti tat-tieni serata, huwa għad-diskrezzjoni ta' Festivals Malta flimkien mal-kumitat organizzattiv u dan mhux appellabli.

5.10. Is-sittax (16)-il kanzunetta li jikkwalifikaw għall-Festival ma jistgħux jindaqqu fil-pubbliku, jew fuq il-mezzi tax-xandir, jew il-midja soċjali qabel il-festival. F'każ li jinstab li l-kanzunetta, il-mużika tagħha, jew il-versi tagħha separatament, tkun indaqqet qabel, din tiġi skwalifikata.

5.11. L-organizzazzjoni tesiġi li d-dritt tal-libertà tal-espressjoni tal-parteċipanti fil-limiti tal-liġi għandu jiġi rrispettat u ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq it-temi magħżula mill-parteċipanti. Il-parteċipanti huma mfakkra li l-liġi tipprojbixxi, fost affarijiet oħra, l-użu ta' kliem jew materjal ieħor li jhedded, jinsulta, jew li jkun abbużiv lejn persuni oħra b'mod li x'aktarx jinstiga l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tagħhom minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-opinjoni sew politika u sew ta' xort'oħra (Referenza 82A tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta).

5.12. L-organizzaturi għandhom id-dritt li jimplimentaw jew jordnaw testijiet mediċi skont il-ħtieġa.

## 6. Tibdiliet

6.1. Festivals Malta tirriserva d-dritt, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li timmodifika u/jew tissostitwixxi dawn it-termini fi kwalunkwe ħin. Jekk ir-reviżjoni tkun materjali, il-kumitat organizzattiv fi ħdan Festivals Malta għandu jipprovdi avviż mill-inqas tletin (30) jum qabel ma jidħlu fis-seħħ xi termini ġodda. Dak li jikkostitwixxi bidla materjali ser jiġi ddeterminat fid-diskrezzjoni tal-organizzazzjoni.

## 7. Ftehim ta' Kunfidenzjalità

7.1. Festivals Malta tista' tiżvela **l-informazzjoni** personali tal-parteċipanti ***in bona fede*** fejn hu meħtieġ:

I. Biex jikkonformaw ma' obbligu/i legali;
II. Biex jipproteġu u jiddefendu d-drittijiet jew il-proprjetà ta' Mużika Mużika;
III. Biex jipprevjenu jew jinvestigaw nuqqas ħażin b'rabta mas-servizz;
IV. Biex jipproteġu kontra r-responsabbiltà legali;
V. F'każ ta' contact tracing minħabba pandemija.

7.2. Ħażna ta' **Informazzjoni**: Festivals Malta, flimkien mal-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika, iżżomm **l-informazzjoni personali** biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti f'din il-Politika ta' Privatezza: **l-informazzjoni personali tinżamm sal-punt meħtieġ biex tkun konformi mal-obbligi legali tagħha (pereżempju meħtieġ li żżomm id-data ta' applikant biex tkun konformi mal-liġijiet applikabbli), issolvi disputi u tinforza l-ftehimiet organizzattivi u r-regolamenti legali tagħha.**

## 8. Il-Liġi li Tiggverna

8.1. Dawn it-Termini għandhom jiġu rregolati u interpretati skont il-liġijiet ta' Malta. Kull disputa, talba, jew azzjoni li tirriżulta minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tkun soġġetta għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunali u tal-Qrati kompetenti ta' Malta.

**Nota Importanti:** *Kull meta jintuża terminu speċifiku għall-ġeneru, dan għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal kull sess, sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod espliċitu. Dan isir biss għall-iskop li t-test isir aktar faċli biex jinqara, u l-ebda reat jew sessiżmu ma huwa maħsub.*